# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 995

KAZ NRU. 1249

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Martin Kingswell

u

La Salita Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 27 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

1. Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 27 ta' Mejju, 1998 b'riferenza MHS/TI/46/98 biex jiddeciedi dwar allegata tkeccija ngusta, skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Il-kumpanija appellata sostniet li t-tkeccija kienet saret skond il-ligi in kwantu l-appellant telaq jew altrimenti abbanduna x-xoghol tieghu fit-8 t'April, 1998 madwar is-13.30 u dana minghajr ebda awtorizzazzjoni u minghajr ebda raguni valida u bi pregudizzju kbir ghas-socjeta' li tmexxi lukanda peress li baqghet ghal sieghat twal

minghajr persuna responsabbli ghal kull problema ta' maintenance li setghet tinqala'.

3. L-appellant minn naha tieghu qal li telaq minn fuq ix-xoghol biex jevita ncident bejnu u bejn l-gharusa tal-propjetarju tal-lukanda li kienet tahdem ukoll fil-lukanda u li, skond hu, ma kellhiex kariga manigerjali.

Hu mar ir-Reception, iffirma l-ktieb tal-attendenza wara li fittex u ma sabx lill-propjetarju u mbaghad telaq 'il barra.

Sostna li fl-istess jum, il-Head of Maintenance qallu biex ma jergax imur ghax-xoghol; wara sar jaf ukoll li floku gie appuntat hu l-gharusa tal-propjetarju peress li hu ma kienx mar jitkellem dwar x'gara.

4. Fix-xhieda tieghu l-appellant qal li kien ntbaghat jahdem b'urgenza fuq karozza minn hu l-propjetarju biex dan ma jindunax bil-hsara. Waqt li kien sejjer jaghmel dan, l-gharusa tal-propjetarju talbitu jaghmel xi xoghol fil-kmamar u meta qaltlu li qed jahdem 'l hawn u 'l hemm biex jitlef iz-zmien, iddecieda li ahjar jitlaq 'il barra.

Fil-ghaxija, siehbu qallu li kien gie mkecci.

Fil-15 t'April 1998 il-propjetarju qallu li kien gie mkecci peress li ma kienx kellmu xejn dwar l-incident u qallu wkoll li jekk dak li kien nghata postu jaccetta jmur lura ghal li kien, jerga jaghtieh l-impjieg.

5. L-Administration Manager qal li ma kienx jaqbel li Sandro Grima jerga' jintalab biex imur lura biex l-appellant jerga' jiddahhal ghax-xoghol.

Qal li meta saru jafu x'kien gara fil-jum ta' l-incident kienu ssosspendewh ghal gurnata u wara, meta saru jafu d-dettalji, ghamlu seduta u ddecidew li Sandro Grima jidhol minn floku.

Mbaghad inqalet diskussjoni fuq x'kellu jitnizzel fic-certifikat ta' tmiem l-impjieg, u kien fis-17 t'April 1998 li qabblu x'kellu jitnizzel fic-certifikat biex dan ikun jista' jirregistra ghax-xoghol; l-appellant ukoll kien qalilhom li anke tas-Social Service issuggerewlu li jitnizzel bhala *redundant*.

6. Dan it-Tribunal huwa mhasseb hafna bil-frekwenza li dawn l-affarijiet qed jigru - affarijiet serji li mbarra li jkunu qed jqarrqu lil min ikun sejjer jimpjega, jolqtu wkoll lis-Social Security Department li jhallas beneficcji mhux dovuti u jolqtu wkoll nies li qed jirregistraw ghax-xoghol meta jidhol bniedem fuq registru li jista' ma jkunx intitolat.

Charles Ciangura, Food and Beverage Manager li jaghmel ukoll duty ta' Manager meta ma jkunx hemm haddiehor - il-kaz fil-hin tal-incident - qal li Fiona Grima, il-Housekeeper irrappurtatlu l-incident imma l-appellant ma avvicinahx izda mar ifittex lill-Managing Director u meta ma sabux hareg, kontra ir-regola, mill-bieb principali u mhux mill-*istaff entrance*.

Qal li wara xi gimgha il-Managing Director qallu biex jghid lil xi hadd, jghid lill-appellant ma jirrappurtax izjed ghax-xoghol izda hu kellem lill-Head of Maintenance biex jghidlu li l-ghada ma kellux ghalfejn jidhol ghax-xoghol. Qal ukoll li l-appellant kien kellmu hazin diversi drabi wara xi korrezzjoni.

8. Fiona Grima qalet li kienet qalet lill-appellant li kien hemm bzonn jitbiddlu hames sapunieri - hu irrabja u beda jidghi.

9. Michael Borg qal li kien ra lil Fiona Grima titkellem mal-appellant u sema' lil dan jidghi u meta ghamillu sinjal ghal tornavit li kellu bzonn dan qallu li "ma' l-annimali ma nahdimx izjed".

10. Is-sur Buttigieg, il-Managing Director ikkonferma li l-appellant kellu jinghad li l-ghada biss ma kellux jidhol ghax-xoghol; qal ukoll li l-ghada d-9 t'April, 1998 l-appellant kien "off" u li mhabba l-festi u leave iehor kellu jidhol ghax-xoghol fil-15 t'April, 1998.

Jinghad hawn li l-verzjoni ta' Bartolo, li sejra tigi deskritta aktar 'il quddiem, hija aktar verosimili minn tas-sur Ciangura u s-sur Buttigieg ghaliex wiehed ma jghidx lill-persuna li tkun "off" biex dakinhar ma tidholx ghax xoghol pero' jinghad ukoll li fil-kontro-ezami x-xhud qal li fid-9 t'April, 1998 l-appellant kellu jidhol ghax-xoghol.

11. Illi sar konfront bejn is-sinjuri Bartolo u Ciangura. L-ewwel wiehed baqa' jsostni li Ciangura kien qallu jghid lill-appellant biex "lejn ix-xoghol ma jersaqx izjed" u

li hu ghamel dan u l-iehor baqa' jsostni li lil Bartolo kien qallu jghid biss li l-ghada ma kellux jidhol ghax-xoghol.

12. Minn din il-konfrontazzjoni, it-Tribunal jiddeciedi li l-appellant ma kienx irrizenja mill-post imma li kien gie mkecci u din hija r-raguni li ghandha titnizzel fic-certifikat tal-Employment Training Corporation.

13. Dwar jekk it-tkeccija kinitx gusta jew le, it-Tribunal jiddeciedi li kienet gusta ghaliex principal ma jistax jaccetta li mpjegat - aktar u aktar wiehed li qieghed hemm ghal xi emergenza - jaqbad u jitlaq ghax kellu xi jghid ma' mpjegat iehor, specjalment meta mhux l-ewwel darba li ghamel hekk.

14. Ghal mottivi mnizzla fil-paragrafu 6 jordna li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lis-Segretarju Permanenti, Ministeru ghall-Politika Socjali, lid-Direttur tax-Xoghol u lill-Employment Training Corporation.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------

**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

--------------------

**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**